Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Maria Anna Aquilina

Vs

Robert Tabone, kif ezercenti fil-kummerc bhala Top Choice

CCT 165/24/CC

Illum 22 ta' Ottubru, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attrici ipprezentata fil-5 ta' Awissu 2024, fejn talbet li tinghata l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400) rapprezentanti magna tal-hasil tad-ditta 'Vox' mixtrija minghand l-intimat minhabba li ma kienetx qieghda tiffunzjona tajjeb.

Ra li l-intimat debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezenta risposta fejn ta l-versjoni tieghu ghat-talba avvanzata mill-atttrici.

Illi fis-seduta skedata ghal produzzjoni tal-provi, dehret l-attrici u deher ukoll Jonathan Cauchi in rapprezentanza ta' l-intimat, li entrambi ipproducew il-provi taghhom fl-istess seduta.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumentazzjoni ipprezentata mill-attrici.

Sema' l-attrici Maria Anna Aquilina u Jonathan Cauchi jixhdu bil-gurament fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2024.

Ra li fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2024, l-attrici emendat l-ammont tat-talba, b'dan li l-ammont tal-magna tal-hasil ghandu jaqra €390 (tlett mija u disghin ewro) minflok €400 (erba' mitt ewro), kif indikat fl-avviz tat-talba.

Ikkunsidra ;

Illi jirrizulta li f'Dicembru 2023 l-attrici xtrat magna tal-hasil ghal ammont ta' €390 (tlett mija u disghin ewro) tad-ditta 'Vox' minghand l-intimat. Gara li f'Marzu 2024 l-magna zviluppat hsara, u l-intimat irrimedja l-istess hsara billi inbidel il-mutur.

Illi l-attrici tispjega li in segwitu ghal dan l-intervent, l-magna tal-hasil ma iffunzjonatx tajjeb u hija infurmat lil intimat b'dan. Da parti ta' l-intimat, huwa informa lil attrici li kien jehtieg li l-magna tal-hasil titiehed fl-edificju ta' l-intimat sabiex isiru l-ispezzjonijiet necessarji u tigi determinata r-raguni tal-hsara. L-intimat offra ukoll li l-attrici tinghata magna tal-hasil temporanja meta jsiru l-ispezzjonijet.

Illi l-attrici tispjega li hija ma accetatx din l-offerta, u hija nfurmat lil intimat li trid li tigi rifuza l-ammont tal-magna tal-hasil.

Illi l-attrici ipproduciet fl-atti ta' dawn il-proceduri prova tal-hlas ta' l-ammont ivversat minnha lil intimat, kif ukoll dokumentazzjoni ohra relatata mal-kompletezza tal-provi.

Illi t-Tribunal, wara li sema' lil attrici Maria Anna Aquilina tixhed bil-gurament fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2024 u wara li ra d-dokumenti ezebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-attrici fic-cirkustanzi tal-kaz, hija gustifikata u timmerita konferma.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li l-attrici irnexxielha tipprova l-istanza taghha sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnha ghandha tigi milqugha, b'dan li l-intimat ghandu jhallas lil attrici s-somma ta' €390 (tlett mija u disghin ewro) rapprezentanti ammont imhallas minnha ghal magna tal-hasil tal-marka 'Vox'. It-Tribunal jordna li l-attrici ghandha tirritorna l-magna tal-hasil 'Vox' lil intimat kif tircievi l-hlas.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mill-attrici, u jordna lil intimat ihallas lil attrici is-somma ta' €390 (tlett mija u disghin ewro).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimat.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru